# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*

Marzu 2021 — Ħarġa Nru 11

Kumitat 2020

President
Adrian Schinas

Viċi-President
Valent Xuereb

Segretarju
Nardu Agius

Asst. Segretarju u PRO
Norbert Gingell

**Teżorier**
Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**
Angele Xuereb

WERREJ

Editorjal 1

Kappella tal-Lunzjata, Ġebel Ciantar, Siġġiewi 2

Kappella tal-Karmnu, Fawwara, Siġġiewi 3

Knisja Qalb ta' Ġesù, Institut ta' Ċini, Santa Venera 5

Kappella San Nikola u Santa Luċija, Buskett 6

## EDITORJAL

*Għeżież Membri u Ħbieb,*

B'din il- ħarġa tal-fuljett elettroniku tal-Għaqda, nidħlu fit-tieni sena li beda joħroġ. B'mod umli nistgħu ngħidu li kien suċċess, kemm minn dak li għidtulna intkom il-membri, kif ukoll minn numru sabiħ li dejjem qed jikber minn ħarġa għal oħra, fuq il-paġna tal-Facebook. Dan jimlina bil-kuraġġ biex inkomplu bil-ħidma tagħna. Minn din il-ħarġa, fuq it-talba ta' uħud minnkom, ser nżidu aktar faċċati oħra sabiex ir-ritratti li nipproduċu jkunu aktar.

F'din il-ħarġa ser immorru fil-pajsaġġ tal-Fawwara fejn insibu żewġ kappelli li mhux faċli li wieħed imur iżurhom bħala grupp: dik tal-Lunzjata u l-oħra tal-Madonna tal-Karmnu. Din ta' l-aħħar hu mifhum li ser isirilha manutenzjoni billi il-bini li hu maqgħud mal-kappella, kif ukoll parti miz-zuntier, iċċaqalqu bir-riżultat li hemm ċans li l-fetħa tikber jekk ma jsirx xi forma ta' tisħiħ fil-pedamenti.

Ser ukoll nagħtu ħarsa lejn il-kappella/knisja li tinsab fl-Istitut ta' Ċini f'Santa Venera. Bħalissa qed isir ħafna xogħol f'dan l-Istitut peress li l-Malta Hospice Movement, wara ftehim mal-Knisja ta' Malta, ser ikun qed jipprovdi s-servizzi tiegħu minnu.

Se naraw il-kappella ta' San Nikola u Santa Luċija fil-Buskett, fejn saritilha sfreġju sħiħ fil-faċċata. Il-kappella kellha fuq il-bieb prinċipali erbgħa armi minquxa fil-ġebla tal-kunjomijiet ta' Granmastri u Isqof. Meta waqgħu tnejn minnhom, monflok li reġgħu għamluhom, fejn kienu ġie miksi u issa spiċċat biex issa li hemm biss żewg armi tal-kumjomijiet. Hu tassew ta' għajb li fl-2021 għadek tiltaqa' ma' nuqqas t'apprezzament lejn il-wirt kulturali!

Nerġa ntennilkom biex jekk għandkom ħbieb, għaddulhom din l-emejl, u jekk taraw dan il-fuljett mill-paġna tal-Facebook, għamlu LIKE u SHARE, ħalli aktar nies japprezzaw il-wirt tal-kappelli mxerdin ma' Malta u Għawdex.

N Gingell
*Għal Kumitat*

## KAPPELLA TAL-LUNZJATA , ĠEBEL CIANTAR, limiti tas-Siġġiewi



Fis-seklu 17, fl-inħawi tal-Fawwara kien hemm knisja li dak iż-żmien kienet diġà meqjusa bħala antika ħafna. Din kienet iddedikata lit-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna. Wara t-talba li saret mill-persuni li kienu jieħdu ħsieb din il-knisja, ingħata permes biex jinbidel it-titular u minfloku ġie stabbilit ieħor iddedikat lit-Tħabbira tal-Arkanġlu Gabrijel lill-Madonna. Fis-sena 1619, il-knisja nbniet mill-ġdid. Il-benefatturi ta' din il-knisja kienu l-istess sidien tal-art agrikola tal-madwar. Daqs 40 sena wara, l-awtoritajiet ekkleżjastiċi ndunaw li din il-knisja ma' baqgħetx tinżamm fi stat tajjeb u għaldaqstant il-knisja kienet ipprofonata. Madankollu wara ċertu żmien, benefattur ieħor daħal għall-inkarigu li jirranġa din il-knisja biex terġa' tintuża għall-funzjonijiet reliġjużi.




It-Tħabbira tal-Anglu
*Pittur mhux magħruf*
Kappella Lunzjata (Ġebel Ciantar) - Siġġiewi



Il-knisja preżenti tmur lura għas-seklu 18 meta l-familja nobbli Xiberras bniet il-knisja mill-ġdid. Din id-darba l-knisja ngħatat xeħta aktar dinjituża. Magħha nbniet kamra fejn il-qassis li kien iqaddes fiha, kien ikun jista' jqatta' ftit ħin tal-mistrieħ qabel ma jitlaq lura lejn daru.

Illum il-knisja hi wżatha għal skopijiet ta' rtiri, talb u quddies minn diversi gruppi u għaqdiet lajċi, l-aktar dawk mis-Siġġiewi.



*Meħuda mill-informazzjoni biswit il-Knisja, imwaħħla mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi*

*Ritratti: Anthony Blackman, N Gingell*

# KAPPELLA TAL-MADONNA TAL-KARMNU, FAWWARA, limiti tas-Siġġiewi



L-ambjent tal-Fawwara jissemma għall-ewwel darba f'doument tas-seklu 16 u hu assoċjat man-nixxiegħa tal-ilma li hemm fl-inħawi. It-tradiżżjoni tgħid li dan it-territorju kien propjetà ta' familja nobbli mill-Belt Valletta. Sena minnhom kien hemm il-biża li din in-nixxiegħa kienet ser tinxef minħabba nuqqas ta' xita, u għalhekk ma kienx ikun hemm ilma biex jissaqqu l-uċuh tal-għellieqi ta' dan il-wied. Għaldaqstant in-nobbli Gerolama Ciantar, sid ta' dan it-territorju, għamlet wedgħa li jekk in-nixxiegħa terġa' tagħti l-ilma hi tibni knisja f'dan il-wied. Hekk ġara, u hekk kif l-ilma reġa' beda jfawwar, hi bniet il-knisja. Kienet minħabba din il-leġġenda li l-wied beda jissejjaħ il-Fawwara.



Wara xi żmien Gerolama Ciantar għaddiet il-manutenzjoni tal-knisja lill-Fratellanza tal-Karità li tiffunzjona fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt. Din il-Fratellanza bdiet ukoll tgħin lill-komunità rurali ta' dawn l-inħawi billi tieħu ħsieb toffri is-servizzi spiritwali minn din il-knisja.

Il-knisja u l-binja ta' magħha jmorru lura għas-sena 1756. Il-kwadru titulari juri l-Madonna żżomm lil binha Ġesu. Hemm




**Madonna tal-Karmnu** (1674)
*Pittur mhux magħruf*
*Kappella Madonna tal-Karmnu (Fawwara) - Siġġiewi*
*Ritratt: Joseph Bondin*

ukoll żewġ qaddisin fuq kull naħa, Santa Katarina ta' Lixandra u San Ġlormu. Għalkemm żgħira fid-daqs, din il-knisja toffri kollox għal dak li huma funzjonijiet liturġiċi.



Mill-inħawi ta' Ġebel Ciantar, minn fuq l-Għoljiet ta' Ħad - Dingli, il-koppla żgħira ħamra tagħha, tiġbed sew l -attenzjoni u tispikka ħafna fil-Wied tal-Fawwara.

# KAPPELLA TAL-MADONNA TAL-KARMNU, FAWWARA, limiti tas-Siġġiewi







*Meħuda mill-informazzjoni biswit il-Knisja, imwaħħla mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi*

*Ritratti: N Gingell, R Cuschieri*





## KNISJA QALB TA' ĠESÙ fl-Istitut ta' Ċini, Santa Venera



Dak li llum hu magħruf bħala l-Isitut ta' Ċini fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera kien ġie stabbilit mill-Venerabbli Adelaide Cini (1838-85) u kien ingħata l-isem ta' *Isituto Sacro Cour* (Istitut tal-Qalb Mqaddsa). Oriġinarjament dan il-bini kien dar kbira flimkien ma' fabbrika tal-għaġin, propjetà tal-familja Ċini mill-Belt. Adelaide, bint is-Sinjuri Ċini, kellha f'moħħha li tbiddel id-dar tal-ġenituri tagħha f'istitut għal dawk ix-xebbiet li kienu qabdu triq ħażina, sabiex f'dan il-post jiġu riformati.

Din ix-xewqa ta' Adelaide twettqet fl-1864 meta f'dan il-post bdew jiltaqgħu l-ewwel xebbiet. Dan l-istitut kien



suċċes kbir, tant li meta Adealide wirtet il-fabbrika fis-sena 1904 din iddeċidiet li twaqqagħha u minflokk tibni istitut ġdid li fih ikun jista' jilqa' aktar xebbiet. Fl-1884 Adelaide kienet iddikjarat fit-testment tagħha li l-bini kellu jibqa' jservi bħala *conservatorio* għax-xebbiet li kienu jiġġerrew fit-toroq.

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija l-Istitut serva bħala sptar tal-maternità. Qabel ma' mietet Adelaide Cini talbet l-għajnuna tas-Sorijiet tal-Karita billi dawn kienu diġa jieħdu ħsieb tfal orfni u tfal oħra żgħar li kellhom bżonn min jieħu ħsiebhom minħabba is-sitwazzjoni diffiċli li kienu jinsabu. Dan ix-xogħol baqa' jsir sa tard is-seklu 20, fejn imbagħad fis-sena 2001 sar ftehim bejn l-Istat u l-Knisja sabiex l-istitut jibda jiġi wtilizzat minn familji fil-bżonn.



Fil- bidu tas-seklu 20 kienet inbniet knisja fil-bitħa nterna li tifforma parti mill-Isitut, imma ma tidhirx mit-triq. F'din il-knisja, li ġiet ikkonsagrata fl-1919, tinsab midfuna Adelaide Cini, il-fondatriċi. Din il-knisja mill-isbaħ, fuq stil Romanesk, saret bi flus is-Sinjura Mary Zammit, kienet ġiet iddedikata lil Qalb ta' Ġesu. Kienet ikkonsagrata mil-Isqof Dom Mauro Caruana fis-6 ta' Ottubru 1919. Meta wieħed iżur il-knisja ma jistax ma jammirax l-arkitettura interessanti tagħha. Minn ġewwa mżejna b'mużajk mill-isbaħ li juri xeni marbuta mal-ħajja ta' Kristu, flimkien ma' diversi simboli marbuta mal-Ewkaristija.

Sfortunatament parti minn dan l-istitut kienet inqerdet b'nirien li kienu ħakkmuh, tant li parti minnu kellha tinbena mill-ġdid.

Fis-sena 2018, Il-Knisja ffirmat ftehim mal-*Malta Hospice Movement* sabiex dak li kien l-Istitut ta' Ċini jinqaleb għal *St Michael's Hospice.* Se jkun l-ewwel kumpless mgħammar b'dak kollu meħtieġ sabiex jipprovdi kura paljattiva kollha f'Malta.

*Informazzjoni meħuda mill-ktieb*
*'A Taste of the History, Culture and Environment of the Central Region of Malta, Ed George Cassar*
*u dik biswit l-Istitut, mtella mill-Kunsilkl Lokali ta' Santa Venera*

*Ritratti: N Gingell , J Vella, Google Earth*

# KAPPELLA TA' SAN NIKOLA U SANTA LUĊIJA, BUSKETT



Il-kappella ddedikata lil San Nikola u Santa Luċija hija waħda privata u tinsab fil-lok imsejjaħ *Ġnien il-Far*, eżattament qrib ħafna tal-Palazz Verdala.

Huwa żgur li kienet diġa mibnija fl-1575, għaliex fil-viżta pastorali ta' Mons Pietru Dusina f'dik is-sena, semmiha fir-rapport tiegħu. Interessanti hu li dan indika li kien hemm żewġ knejjes imissu ma' xulxin u hu għaqqadhom u għamilhom knisja waħda. Nafu wkoll fiż-żgur li din il-kappella kienet ġiet ittraskurata u waqgħet. Fl-1706 reġgħet inbniet min ċertu Agostin Agius.

Fir-rapport ta' l-isqof Davide Cocco Palmieri fil-viżti pastorali li għamel fir-Rabat bejn l-1708 u l-1710 qal li din il-knisja kienet miżmuma tajjeb, u li kellha altar wieħed tal-ġebel. Din il-kappella kellha ikona skambell tal-injam bi xbieha tal-Madonna bil-Bambin, San Nikola u Santa Luċija. Quddiemu kien hemm imdendel lampir bil-lampa. Din il-kappella kellha l-obligi li jinxtegħel il-lampier kull nhar ta' Sibt, u li jsir il-quddies fil- festi ta' San Nikola u Santa Luċija. Dan kien ħallas għalihom Agostin Agius . Qabel il-gwerra, l-Kleru tar-Rabat kien ikanta l -vespri u jqaddes quddiesa f'din il-kappella fis-6 ta' Diċembru, fil-festa ta' San Nikola, u fit-13 ta' Diċembru fil-festa ta' Santa Luċija.



Fi żmien it-tieni gwerra dinjija din il-knisja serviet bħala ċentru ta' refuġju, għal numru ta' refuġjati. Bomba tal-ajruplani Ġermaniżi kienet waqgħet qrib tal-kappella, iżda għalkemm tgħeżżet ma ġarbet l-ebda ħsara f il-kostruzzjoni tagħha. Iżda l-kwadru titulari ġarrab ħsarat kbar, tant hu hekk li kellu jiġi mneħħi. Dan kien juri lill-Madonna b' Ġesù Bambin fi ħdanha u San Nikola u Santa Luċija bil-wieqfa f il-ġnub fil-parti t'isfel tal-kwadru. F'din il-pittura kien hemm ukoll l-arma ta' Agostin Agius li bena l-kappella.



Fl-1944 din il-kappella għaddiet f'idejn il-patrijiet Agostinjani biex jieħdu ħsiebha. Wara għamlet xi żmien mitluqa, u fl-1960 Patri Rafel Azzopardi irranġaha u reġa' berikha. Kien isir it- tagħlim tal-katekiżmu mill-fergħa tal-Legion Of Mary tal-Buskett, u kienu jsiru rtiri reliġjużi fiha.

*Ikompli...........*

# KAPPELLA TA' SAN NIKOLA U SANTA LUĊIJA, BUSKETT




Fis-sittinijiet, din il-kappella kellha bħala kwadru titulari biċċa xogħol mill-isbaħ tal-pittur Malti Ġużeppi Briffa. Dan il-kwadru jiffigura lil Kristu b'idejħ miftuħin u lil San Nikola ta' Bari u lil San Publiju għarrkubbtejhom quddiemu. Fil-ġnub ta' dan il-kwadru hemm żewġ kwadri oħra, wieħed ta' Santa Luċija u l-ieħor ta' San Nikola.

Il-kappella għandha għamla rettangolari u msaqqfa b'saqaf troll għoli li jistrieħ fuq erba arkati li jitilgħu minn fuq gwarniċa għolja li ddur mal-erba' ħitan tal-kappella. Hemm altar wieħed tal-ġebel, u quddiemu altar mejda. Fuq l-altar tal-ġebel jidher il-post fejn kien imdendel il-kwadru titulari. Flok il-kwadru titulari, insibu tlett kwadri : ta' San Nikola, ta' Santa Luċija u ta' Santa Rita. F'din il-knisja hemm ukoll set ta' kwadri żgħar tal-Via Sagra.

Minn barra, din il-kappella għandha faċċata sempliċi, imma ħelwa. Fuq il-bieb ewlieni, li qiegħed fin-nofs tal-faċċata, hemm tieqa tonda li qegħda tagħti l-arja u d-dawl lil din il-knisja. Fuq din it-tieqa hemm erba armi. Ta' fuq nett, hi tal-Gran Mastru Martin De Redin. Taħt, dik tax-xellug, hi tal-Gran Mastru Jean Paul Lascaris Castellar. Ħdejha hemm tal-isqof Balaguer Camarasa, u l-oħra, li qegħda taħt, hija tal-familji Agius u Xerri.

Sfortunatament dan **l-aħħar żewġ armi, ta' Lascaris u Balaguer, nqalgħu min mal-faċċata u waqgħu fl-art, iżda kif jidher ċar mir**-ritratti, minflokk ma sar restawr professjonali, **il-faċċata ġiet imkaħħla b'mod dilettantesk.** L-**armi setgħu ġew imsewwija u restawrati, iżda** sfortunatament ma sarx hekk.



# KAPPELLA TA' SAN NIKOLA U SANTA LUĊIJA, BUSKETT





BLA KUMMENTI.

IR-**RITRATTI JITKELLMU WAĦEDHOM.**

**BARBARIŻMU 2021!!!**





*Informazzjoni misluta mis-sit kappellimaltin.com.*

*Kitba ta' Joe Brincat.*

*Ritratti: N Gingell, A Brincat, Google Images*